MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Marzu, 2015

Numru 352/2015

Il-Pulizija

Spettur Jason Francis Sultana

vs

Matthew Castillo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 350596m akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe gewwa Triq Manwel Dimech c/w Triq Sant'Elena, Sliema nhar id-29 ta' Marzu 2015, ghal habta ta' 1830hrs u fis-sighat ta' wara:

1. Ingurja, jew heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma’ obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku, u dan bi ksur tal-Art 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darrab jew sawwat, hedded lil Profs Carmel Vassallo, b’gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex jhebb ghalih u dan bi ksur tal-Art 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xehet jew halla warajh xi flixkun, landa, kontenitur tal-ikel, karta tal-ippakjar tal-ikel, hgieg, frak tal-ikel, jew kull artiklu jew haga ohra f’post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b’ligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 4(c), tal-Avviz Legali 344/2005 Art 338(dd) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat l-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati. Wara li rat l-Artikolu 95, 338(ee), 338(dd), 338(bb), 339(1)(b), 17 u 31 tal-Kap 9 u r-regolament 4 (c) tal-Avviz Legali 344/2005, tikkundannah multa kumplessiva ta’€1,000 li tawtorizza lill-imputat li jhallas b’rati mensili ta’ €50 fix-xahar, bl-ewwel pagament sal-ahhar ta’ April ta’ din is-sena u b’pagamenti successivi u interrotti kull l-ahhar ta’ kull xahar sussegwenti, bid-dekadenza fin-nuqqas.

Tpoggieh taht ordni ta’ probation ghallsena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------